MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 89/1995/2

**Tabib Dottor Godfrey Borg u martu Silvana Borg**

**v.**

**Gaetano u Anna konjugi Bartolo**

**Il-Qorti:**

**<u>I IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

1. Dan huwa appell mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-4 ta' Ottubru 2002, dwar incident awtomobilistiku li gara fl-10 ta' Mejju 1994, fi Triq Marsalforn, Ghawdex. Il-habta grat bejn karozza misjuqa mill-attur, it-tabib Dottor Godfrey Borg li kien sejjer fid-

direzzjoni ta' Marsalforn u l-karozza misjuqa mill-konvenuta Anna Bartolo, li kienet sejra fid-direzzjoni opposta. F'dan l-incident iz-zewg vetturi involuti kellhom hsarat estensivi hafna. It-Tabib Borg u Anna Bartolo sofrew diversi feriti li anke kkagunawlhom debilita` permanenti.

2. Biex din il-Qorti tevita repetizzjonijiet inutili, sejra tirriproduci s-sentenza msemmija ta' l-ewwel Qorti kollha kemm hi, billi din tikkontjeni t-talbiet ta' l-atturi, l-eccezzjonijiet tal-kontroparti kif ukoll il-motivazzjonijiet li mxiet fuqhom l-ewwel Qorti sabiex waslet ghall-konkluzjonijiet u d-decizjoni taghha. Is-sentenza tghid hekk:
"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi fl-10 ta' Mejju elf disa' mija erbgha u disghin (1994) l-attur Godfrey Borg kien qed isuq il-vettura ta' martu "Subaru" numru tar-registrazzjoni U 3811 matul Marsalforn Road, fid-direzzjoni ta' Marsalforn bi speed moderat u fuq in-naha tieghu proprja tal-karreggjata.

"Illi f'mument minnhom l-istess Godfrey Borg ra vettura gejja fid-direzzjoni opposta ghal tieghu, liema vettura sussegwentement irrizultat illi kienet il-vettura Honda Civic numru tar-registrazzjoni H 6854 misjuqa mill-konvenuta Anna Bartolo;

"Illi inti Anna Bartolo kont qeghda ssuq il-vettura tieghu bi speed esagerat, u mhux fuq in-naha korretta tal-karreggjata ("wrong side") u di piu` ma kellekx il-kontroll tal-vettura misjuqa minnek u kwindi inti kont qeghda ssuq b'manjiera perikoluza, b'imperizja u bi traskrugani grassa, u bi ksur tar-regolament tat-traffiku;

"Illi per konsegwenza ta' dan kellu l-vetturi msemmija habtu ma' xulxin u l-imsemmi Godfrey Borg sofra feriti gravi f'persuntu, illi per konsegwenza taghhom hu sofra

telf ta' xoghol, u ghadu u sejjer jibqa' isofri minn debilita` permanenti f'persuntu;

"Illi per konsegwenza ta' dawn il-feriti, oltre d-debilita` permanenti, l-imsemmi Godfrey Borg, sofra telf u danni konsistenti f'telf ta' xoghol, u inabilita` illi joqghod ghal ezamijiet illi hu kien sejjer jattendi ghalihom li kieku mhux ghall-incident de quo, u per konsegwenza ta' dan kollu, l-istess Borg sofra danni konsistenti f'telf ta' opportunitajiet ta' xoghol, ta' avvanz, u ta' impiegi godda liema opportunitajiet issa ntilfu ghal dejjem.

"Illi inoltre, per konsegwenza ta' l-incident imsemmi, l-atturi sofrew danni ingenti fil-vettura taghhom U 3811 illi giet danneggjata "beyond economic repair".

"Illi inoltre, u per konsegwenza ta' dan l-istess incident, l-attrici Silvan Borg sofriet feriti gravi fuq persunta, illi rrendewha mhux kapaci ghax-xoghol taghha u ghax-xoghol tad-dar ghal perijodi twal, u aktar ikkagunawlha debilita` permanenti kif sejjer jirrizulta aktar dettaljament fit-trattazzjoni tal-kawza.

"Illi ghall-incident imsemmi tahti unikament inti Anna Bartolo ghar-ragunijiet fuq elenkati.

"Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara lilek Anna Bartolo unikament u esklussivament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi;

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-imsemmi Godfrey Borg per konsegwenza tal-feriti illi hu sofra fil-persuna tieghu billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici Silvana Borg per konsegwenza tal-feriti illi hija sofriet fil-persuna taghha billi

tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"4. Tillikwida d-danni materjali sofferti mill-konjugi Borg fil-vettura taghhom involuta fl-incident imsemmi;

"5. Tikkundannakom sabiex thallsu lill-imsemmi Godfrey Borg dawn id-danni kif likwidati.

"Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa tinsabu msejha.

"Bl-imghaxijiet skond il-Ligi.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Dottor Godfrey Borg.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

"1. Illi, preliminarjament, ghar-rigward Gaetano Bartolo dan ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi l-istess Gaetano Bartolo qatt ma jista' jigi tenut li jhallas danni f'forma ta' "culpa aquiliana";

"2. Illi fil-meritu u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, il-konvenuta, Anna Bartolo bl-ebda mod u manjiera ma hija responsabbli ghall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, liema incident awtomobilistiku gara unikament minhabba traskuragni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-istess attur, Dr. Godfrey Borg, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smigh tal-kawza;

"3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti mahlufa minn Gaetano Bartolo.

"Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju 1995, fejn l-avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace gie nominat bhala perit legali sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, bl-assistenza tal-kirurgu Mr.

Carmel Sciberras bhala espert mediku sabiex jirrelata dwar il-feriti li garrbu l-atturi f'dan l-incident.

"Rat ir-relazzjoni ta' l-istess esperti pprezentata fl-4 ta' Settembru 2000, u debitament mahlufa minnhom fit-22 ta' Mejju, 2001.

"Rat in-nota rispettivi ta' kritika tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali.

"Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebti.

"Ikkunsidrat:

"Illi din il-kawza titratta kollizzjoni li sehhet fl-10 ta' Mejju 1994, fit-triq ta' Marsalforn bejn karozza tat-tip Subaru misjuqa mill-attur Dr. Borg u karozza tat-tip Honda Civic misjuqa mill-konvenuta Anna Bartolo. Dr. Borg kellu lil martu, l-attrici, bhala *front seat passenger* u lill-ispizjar Joseph Grech fuq wara. Il-konvenuta kienet wahedha. L-attur kien qed isuq fid-direzzjoni ta' Marsalforn, filwaqt illi l-konvenuta kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Kienu xis-siegha u nofs ta' wara nofsinhar (1.30p.m.). Dik il-parti tat-triq kienet wiesa', f'kundizzjoni tajba, miksija bil-hot asphalt u ghad-dritt.

"Il-kollizzjoni kienet *head on*. Il-vetturi rispettivi garrbu hsarat esentesivi, ta' l-attur fuq il-parti ta' quddiem kollha u tal-konvenuta fuq quddiem ukoll, imma aktar pronunzjata lejn il-lemin (ara ritratt esebiti). Iz-zewg sewwieqa korrew b'mod gravi u kellhom jigu sottoposti ghal diversi interventi kirurgici (ara rapport ta' l-espert mediku). L-istess l-ispizjar Grech li kellhom isirulu mal-mitt punt f'rasu. Fortunatament l-attrici kellha biss feriti hfief. Xiehda okulari, apparti l-partijiet involuti ma kienx hemm. Pero` minhabba li f'dan il-kaz kienet anke saret inkjesta magisterjali, apparti s-soliti okkorrenza u skizz relattiv tas-surgent li jkun investiga l-kollizjoni, gew annessi wkoll mal-kawza, kopja tar-rapport ta' l-espert legali dottor Michael Grech nominat f'dik l-inkjesta, li ha x-xiehda bil-gurament tas-sewwieqa u l-passiggieri ftit wara li sehhet

il-habta, kif ukoll il-pjanti dettaljati tax-xena ta' l-incident li saru mill-A.I.C. Guido Vella, li kien gie nominat sabiex jassisti fl-istess inkjesta.

"Wara li sema' x-xhieda prodotti quddiemu, kif imqabbla ma' dik migbura fl-inkjesta relattiva, ezamina l-pjanti esebiti u ha konjizzjoni tal-fatturi kollha rilevanti, l-espert legali kien f'posizzjoni jirrelata dwar ir-responsabbilita` ghal din il-kollizzjoni kerha bil-mod segwenti:

""L-ewwel osservazzjoni li ghandha ssir, jew osservazzjonijiet li ghandhom isiru, huma dwar it-triq fejn zvolga ruhu dan l-incident. Din hi triq:

"(i) wiesgha, b'mod li b'certu galbu takkomoda zewg vetturi f'kull direzzjoni.

"(ii) nofs it-triq hu traccjat b'linji kontinwi doppji.

"(iii) Hemm vizwali twila fit-tul, b'liwjiet fit-tul, u bla kantunieri li huma rrimedjabilment "blind".

"(iv) L-esponent jaghti importanza kbira lil dak li jghidu dawk involuti f'incident meta jaghtu l-ewwel verzjoni taghhom - tenut kont meta ghandu jsir hekk tac-cirkostanzi kollha inkluz l-istat fiziku u mentali li jkun fih dak li jkun. Fuq dan ir-rifless u fuq dan l-isfond, l-esponent iqis bhala inaccettabbli dak li qalet Anna Bartolo fis-sens li fl-incident Dr. Borg kien qed jissorpassa van meta ma semmiet xejn minn dan meta xehdet bil-gurament quddiem Dr. Michael Grech fl-atti ta' l-Inkjesta u meta ghamlet "statement" ma' PS Saliba, tlett ijiem wara l-incident, lil wiehed kelmitu filghodu u lill-iehor filghaxija tat-13.05.94. L-inaccettabilita` tirrizulta mis-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"(i) il-verzjoni originali hi wahda cara, lineari, bla tlaqliq u bla tqanzieh

"(ii) bhala driver, Anna Bartolo kienet taf l-importanza li jekk fl-incident kien tassew involut van li qed jinqala' meta

dan l-istess van kien qrib il-linji doppji, dan kellu jigi mistqarr u rilevat mill-ewwel.

"Injorata l-prezenza tal-van, ghandha allura zewg verzjonijiet dijametrikament opposti, kull wahda titfa' l-htija ta' dak li gara, *in toto* fuq id-driver l-iehor:-

"(a) Mrs. Bartolo qalet li kienet tiela' lejn ir-Rabat b'xi 30 km.f.s. (sic), man-naha tax-xellug u f'daqqa wahda rat lill-vettura l-ohra gejja mill-faccata b'velocita` qawwija hafna, u giet fuq id-double line lejn id-direzzjoni taghha. Hi kisret fuq ix-xellug izda l-car l-ohra baqghet gejja u saret il-habta.

"(b) Dr. Borg, korroborat minn martu (u f'xi partijiet mill-ispizjar Grech) qal li kien sejjer lejn M'Forn, ("fin-naha ta' gewwa ta' triqti") u bi speed baxx, medja ta' 40/45 km.f.s. Ra lill-ohra gejja mid-direzzjoni kuntrarja bi speed qawwi, din qasmet ghal triqtu. Ghalhekk hu gibed 'il barra kemm seta' biex jevitaha. Hawn l-ohra daret lejn ix-xellug taghha u sar l-iskontru. F'dan il-kaz fortunatament, hemm <u>elementi ta' fatt</u> li kienet tipprezenta x-xena ta' l-incident (kif murija mir-ritratti, sketch u pjanti) li juru li z-zewg nahat qed igebbdu lejhom u mhux qed jghidu l-verita` shiha. Dawn huma:

"(i) il-vetturi mahbuta, tyremarks, frak, ecc. soltu fuq ix-xena ta' habta, huwa kwazi kollha fuq il-proper side ta' Anna Bartolo.

"(ii) il-"proper side" ta' Dr. Borg, i.e. il-versant li jiehu t-traffiku mir-Rabat lejn M'Forn hu b'karreggjata nadifa u kien minn hawn li waqt l-inkjesta ssokta t-traffiku ta' M'Forn fiz-zewg direzzjonijiet.

"Kieku tassew Anna Bartolo giet kompletament fil-passagg tas-Subartu (li skond Dr. Borg kienet sew qrib il-hajt!) x'hin din daret bruskament lejn ix-xellug taghha (ix-xaqliba tax-Xaghra) fil-karreggjata kienet bilfors thalli xi sinjali, xi sura ta' mprota ta' tyres.

"Kif habtu l-vetturi u nfethu bhal "Y" juri li huma missu ma' xulxin piu` o meno bl-istess sahha tremenda bla ma allontanaw ruhhom izzejjed mill-post ta' l-impatt. Dan ifisser li ma kienx il-kaz li xi vettura kienet ghaddejja bi speed baxx (kif kull driver riedna nemmnu li kien il-kaz ghalih innifsu) mentri d-driver l-iehor kien ghaddej bi speed veloci (kif kull driver allega li kien qed jaghmel l-iehor!)

"Il-kwadru ta' l-incident juri li z-zewg sewwieqa kienu jsuqu man-nofs tat-triq b'velocita` eccessiva fil-qrubija ta' xulxin, kisru t-tnejn lejn in-naha tax-Xaghra u l-impatt sar ghal nofs it-triq b'xaqlib lejn in-naha tax-Xaghra.

"Dan hu kaz ta' sewqan bla hsieb u perikoluz da parti taz-zewg drivers u ghal dak li gara ghandhom iwiegbu t-tnejn indaqs, fuq bazi ta' 50 : 50" (ara rapport peritali para. 29 - 36 a fol. 61 - 63 tal-process).

"Min-Noti ta' kritika rispettivi tal-kontendenti, jirrizulta illi hadd minnhom ma qabel ghal kollox ma' dawn il-konkluzjonijiet peritali dwar ir-responsabbilita` ghall-incident mertu tal-kawza. L-atturi ghamlu analizi ferm studjata u dettaljata fi sforz li jikkonvincu l-Qorti li t-tort kollu kien tal-konvenuta. Isostnu illi din kienet qed issuq ghal kollox fuq il-karreggjata ta' l-attur, li allura ma seta' jaghmel xejn ghajr li jipprova jevita l-habta billi jigbed ghal-lemin tieghu kif fil-fatt ghamel. Jaghtu hafna importanza ghal dakli mill-iskizz ta' l-A.I.C. Vella u r-ritratti esebiti fil-fehma taghhom jindika li kienet id-direzzjoni tad-daqqa fuq il-vettura ta' l-attur. Dan f'tentattiv li jikkonvincu l-Qorti li l-konvenuta kienet qed issuq ghal kollox wrong side u dawwret hesrem lejn ix-xellug taghha (fig. 6 a fol. 240) fi sforz iddisprat li tevita l-attur. Imma kif sewwa spjega l-espert taghha, manuvra bhal din "kienet bilfors thalli xi sinjali, xi sura ta' impronta ta' tyres" (para. 33 a fol. 62).

"L-istess il-konvenuta tkompli tinsisti fuq it-tieni verzjoni taghha ta' kif sehh l-incident, partikolarment b'referenza ghall-van bajda niezla wkoll fid-direzzjoni ta' Marsalforn u li sostniet li kien qed jipprova jaqla' l-attur. Imma ghall-istess ragunijiet indikati mill-espert taghha, il-Qorti thoss

illi din il-verzjoni tal-konvenuta m'hi kredibbli xejn u ma tistax taccettaha. Lanqas m'hi verosimili l-insistenza taghha illi hija kienet qed issuq ghal kollox fuq il-karreggjata taghha u kien l-attur li ostakolalha t-triq.

"Iz-zewg drivers baqghu jinsistu wkoll illi kienu ghaddejjin bi *speed* regolamentari. Imma l-entita` tad-danni subiti fil-vetturi u li garrbu l-istess sewwieqa huma konvincenti bizzejjed li t-tnejn kemm huma kienu qed jissuperaw sewwa l-velocita` accettabbli ghall-inhawi.

"Ghaldaqstant ma tara li hemm ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tvarja l-konkluzjonijiet peritali dwar ir-responsabilita` ghal dan l-incident stradali.

"Nigu issa ghal-likwidazzjoni tad-danni subiti mill-atturi.

"A. Hsarat attwali (*damnum emergens*):

"Il-perit legali llikwida dawn id-danni f'somma totali ta' Lm5291 (ara para. 41 a fol. 64-6). Fin-Nota ta' kritika taghhom l-atturi pero` jindikaw illi ma jaqblux mal-likwidazzjoni li saret rigward id-dewmien biex l-attur beda x-xoghol fl-Ingilterra, it-telf ta' xoghol ta' l-attrici u l-hsara fil-karozza.

"(a) dwar id-dewmien biex l-attur beda jahdem l-Ingilterra: il-Qorti taqbel ma' l-atturi illi l-ammont likwidat mill-perit legali f'dan ir-rigward huwa daqsxejn baxx, tenut kont i-differenzi kbar fil-pagi ta' professjonisti bejn iz-zewg pajjizi. Imma wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni wkoll ta' l-gholi tal-hajja f'dak il-pajjiz, u ghalhekk ghalkemm veru li kien ser jaqla' hafna izjed kieku lahaq tela' l-Ingilterra sbatax-il (17) xahar qabel, kif kien ippjanat, ma jistax jigi injorat il-fatt illi kien ikollu jonfoq aktar ukoll ghall-ghixien tieghu. Ghalhekk thoss illi somma ta' ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) ghandha tkun aktar xierqa ghal dan il-fini; imma l-atturi jammettu illi jekk jintlaqa' it-talba taghhom ghall-awment tas-somma likwidata f'dan ir-rigward, m'ghandhomx jiehdu wkoll l-ammont likwidat mill-perit legali ghat-telf ta' xoghol fid-Dipartiment tas-Sahha f'Malta;

"(b) dwar it-telf ta' xoghol ta' l-attrici: taqbel ma' dak li jispjegaw l-atturi fin-Nota taghhom f'dan ir-rigward, u ghalhekk is-somma likwidata ghal dan il-fini ghandha tigi awmentata ghal Lm474;

"(c) danni fil-karozza: m'hemmx dubju illi l-hsarat fil-karozza ta' l-attur huma estensivi, u ghalhekk m'ghandu jkun hemm ebda diffikulta` li tigi dikjarata "a total loss". Imma l-atturi ma esebew ebda dokumentazzjoni dwar il-valur tal-karozza u kemm kien ilha fuq it-triq. Madankollu l-Qorti thoss illi f'tali cirkostanzi s-somma ta' Lm2,000 hija iktar gustifikabbli.

"L-ammont likwidat lill-atturi ghad-danni attwali, kif rivedut mill-Qorti, ghandu ghalhekk jaqra hekk:

"(i) spiza ta' ritratti (Dok. JC1 - 16): Lm 21

"(ii) cancelation fee ta' ezami fir-Renju Unit: 150

"(iii) talli Dr. Borg ittardja mill-impjieg fl-Ingilterra: 10,000

"(iv) telf ta' xoghol ta' Mrs. Borg: 474

"(v) ghall-karozza: 2,000

Total: tnax-il elf sitt mija hamsa u erbghin lira Maltija (Lm12,645).

"B. Telf ta' qliegh (*lucrum cessans*):

"Il-perit legali bbaza ruhu fuq qliegh annwali ta' Lm18,000 ghal Dr. Borg naturalment kont tal-fatt illi dan illum huwa stabbilit l-Ingilterra. L-atturi jikkritikaw l-ammont likwidat, ghax ma jiehux in konsiderazzjoni l-qliegh annwali li jirrizulta mill-payslips esebiti (ara Dok. PS a fol. 176). Minn dawn il-payslips jirrizulta li l-attur kien qed jircievi

medja ta' GBP 2,204 fix-xahar, li bir-rata annwali jgibu cirka Lm1,400. F'sena shiha dawn allura jgibu Lm16,000 paragunabbli sew mal-qliegh annwali stabbilit mill-perit legali. Ghalhekk fuq debilita` permanenti ta' erbatax fil-mija (14%) li giet stabbilita mill-espert mediku Mr Sciberras, u li ma gietx kontestata bl-ebda mod, l-ammont likwidat a bazi ta' "Butler v. Heard" fis-somma totali ta' Lm64,260 ghandha tkun adegwata.

"L-atturi jikkritikaw ukoll il-fatt li l-perit legali ma hax in konsiderazzjoni li tiehu Dr. Borg dalwaqt jilhaq specjalista fl-oftalmologija u ghalhekk il-qliegh tiehu ghandu jizdied sostanzjalment. Tenut kont pero` tal-fatt li ma jidhirx illi d-debilita` tieghu tista' b'xi mod taffetwah daqstant hazin fil-prattika tal-professjoni tieghu, il-Qorti thoss illi m'ghandha tillikwida ebda ammont ulterjuri f'dan ir-rigward.

"Gie kkritikat ukoll il-fatt li l-perit legali naqas li jillikwida kumpens lill-atturi ghall-ghajnuna domestika. L-attrici ma rrizulta li sofriet ebda debilita` permanenti, u jekk l-attur ikun irid jaghti xi daqqa t'id fid-dar, il-kumpens li gie likwidat ghad-debilita` permanenti tieghu, ghandha tkun sufficjenti biex tkopri anke kwalunkwe ghajnuna fid-dar li dan jista' jaghti. Ghalhekk l-ammont likwidat ghal dan il-fini ghandu jibqa' ta' Lm64,260, bhal ma gie stabbilit mill-perit legali.

,"Jigi ghaldaqstant illi s-somma totali likwidata favur l-atturi bhala danni minnhom sofferti per konsegwenza ta' l-incident stradali mertu ta' din il-kawza, thlahhaq:

| | |
|---|---|
| Lm12,645 + | |
| | 64,260 |
| total ta': | Lm76,905 |

"Billi l-attur instab responsabbli ugwalment daqs il-konvenuta ghall-istess kollizzjoni, il-konjugi Borg ghandhom jircievu, nofs dan l-ammont u cioe`: Lm38,452.

"Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi l-kawza billi:

"(i) tiddikjara lill-attur Dr. John Borg u l-konvenuta Anna Bartolo ugwalment responsabbli ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza;

"(ii) tillikwida d-danni totali sofferti mill-konjugi Borg per konsegwenza ta' din il-kollizjoni fis-somma ta' Lm76,905; u

"(iii) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi nofs din is-somma, u cioe` tmienja u tletin elf erba' mija tnejn u hamsin lira Maltija (Lm38,452).

"Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti."

**<u>II L-APPELLI TAL-KONTENDENTI</u>**

3. L-atturi konjugi Borg hassewhom aggravati bis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u ghalhekk appellaw minnha quddiem din il-Qorti. Fir-rikors ta' l-appell taghhom, ipprezentat fit-23 ta' Ottubru 2002, huma qeghdin jissottomettu fost ohrajn li dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet zbaljati fir-rigward tal-fatti li tressqu quddiemha dwar il-provi kif gara l-incident. Jghidu wkoll li dik il-Qorti kien messha ddecidiet li l-incident in kwistjoni gara unikament tort tal-konvenuti. L-appellanti Borg ikkritikaw ukoll il-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti, billi skond l-istess atturi appellanti, dik il-Qorti applikat kriterji zbaljati u injorat fatti ppruvati, sew meta giet sabiex tistma d-*damnum emergens*, kif ukoll meta waslet biex tillikwa l-*lucrum cessans*. Ghalhekk, l-appellanti Borg talbu lil din il-Qorti li joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, u filwaqt li tiddikjara l-incident mertu tal-kawza gara tort unikament tal-konvenuta, tghaddi sabiex tillikwida d-danni sofferti mill-appellanti ai termini tas-sottomissjonijiet taghhom fin-nota ta' kritika ghall-konkluzjonijiet peritali maghmula quddiem l-ewwel Qorti u tikkundanna lill-konvenuti appellati ghall-hlas ta' l-istess danni lill-atturi appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

4. Il-konvenuti appellati, min-naha taghhom, ukoll ikkontestaw l-istess sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad. In fatti fir-risposta ta' l-appell taghhom, li huma pprezentaw fis-6 ta' Novembru 2003, huma ressqu appell incidentali ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti. Hemmhekk spjegaw ir-ragunijiet tal-kontestazzjoni taghhom billi indikaw tlett aggravji, u cioe` li l-ewwel Qorti ma kenitx iddecidiet l-ewwel eccezzjoni, li l-ewwel Qorti ma ddecidietx sewwa meta qasmet ir-responsabbilita` ghall-incident bin-nofs bejn il-kontendenti meta hija kellha ssib lit-tabib Dr Godfrey Borg unikament responsabbli ghal din il-kollizjoni, u fl-ahharnett li l-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti kienet zbaljata u kellha tkun ferm u ferm anqas mill-ammont likwidat. Ghalhekk il-konjugi Borg talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, u filwaqt li tiddikjara li l-incident meritu tal-kawza gara tort unikament ta' l-istess tabib Dr Godfrey Borg, tillikwida d-danni sofferti mill-istess Gaetano u Anna konjugi Borg fl-ammont kif likwidat ta' Lm31,167 u tikkundanna lill-appellanti, cioe` lit-tabib Dr Godfrey Borg u martu Silvana Borg, ghall-hlas ta' l-istess danni lill-istess konjugi Bartolo, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti Borg u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

5. Fil-mori ta' l-appell, l-attur appellanti t-tabib Dr Godfrey Borg ghamel tentattivi biex jerga' jiftah il-provi. Huwa talab l-opportunita` li jixhed rigward l-introjtu attwali tieghu, billi llum huwa m'ghadux *trainee* izda lahaq kirurgu ghal kollox kwalifikat u dwar kif id-debilita` li huwa nstab li qed isofri minnha, qieghda taffettwah fix-xoghol li qed jaghmel illum. Inoltre, talab ukoll b'rikors separat li huwa jaghmel il-prova tad-deterjorament fiziku li qed ibati bih bhalissa u ssottometta li minn ezami mediku ricenti nstab li huwa kellu dizabilita` ta' 24% u mhux 14%, kif kien instab snin ilu mill-perit imqabbad mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti ma laqghetx dawn it-tentattivi ta' l-appellant tabib Dr Borg biex jergghu jinfethu berah l-provi, ghaliex irriteniet essenzjalment li l-prova li ried jaghmel l-appellant seta' u kellu jaghmilha quddiem l-ewwel Qorti. Ta' min jirrileva hawn illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nghatat aktar minn tmien snin wara li sehh l-incident meritu tal-kawza u li din il-Qorti ta' revizjoni rarament tippermetti lill-partijiet li

jressqu provi godda quddiemha li jifthu l-kaz berah mill-gdid.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Qabel ma l-Qorti tghaddi ghall-ezami tal-meritu proprju ta' l-appelli involuti fil-kawza, huwa xieraq li jigi investigat u deciz l-ewwel aggravju kontenut fl-appell incidentali tal-konjugi Bartolo billi dan l-aggravju jinvolvi kwistjoni procedurali li tista' titqies ukoll bhala wahda preliminari. Dan l-aggravju johrog mill-fatt illi s-sentenza appellata ma kkunsidratx l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti li kienet fis-sens illi Gaetano Borg kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante l-fatt li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-gudizzju odjern minhabba li f'kaz ta' danni ta' natura akwiljana, kellha tigi mharrka biss il-persuna li allegatament ghamlet id-dannu u mhux zewgha wkoll. Il-konjugi Bartolo jghidu li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha stranament lanqas biss ma kkunsidrat din l-eccezzjoni.

7. L-imsemmija eccezzjoni tinsab elenkata bin-numru wiehed fin-nota ta' eccezzjonijiet tal-konjugi Bartolo li tinsab a fol. 10 tal-process. Ghalkemm l-ewwel Qorti rregistrat l-ezistenza ta' din l-eccezzjoni fil-parti preliminari tas-sentenza appellata, madanakollu, x'aktarx bi zvista, hija injoratha ghal kollox, fis-sens illi la esprimiet ebda kumment dwarha u wisq anqas iddecidietha, semplicement injoratha.

8. Huwa terren pacifiku bejn il-kontendenti illi l-konvenut Gaetano Bartolo ma ha l-ebda parti meta sehh l-incident awtomobilistiku in kwistjoni. Irrizulta li l-mara tieghu, Anna Bartolo, kienet qeghda ssuq wahedha fil-hin li gara l-imsemmi incident. Madanakollu, din il-Qorti jidhrilha li din l-eccezzjoni ma hemmx lok li tintlaqa' ghaliex jekk jirrizulta li l-konvenuta Anna Bartolo ghandha xi tort b'responsabbilita` ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni, id-dejn relattiv li jrid jithallas bhala rizarciment tad-danni sofferti mill-atturi, jkun dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Bartolo. Dan qieghed jinghad ghaliex fil-dawl ta' l-Artikolu 1327(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), il-kreditu tal-konjugi Borg, li jista' jkun rikonoxxut b'sentenza tal-Qrati taghna, ikun

dovut bhala rimedju civili minn mart Gaetano Bartolo, cioe` Anna Bartolo ladarba jirrizulta li d-dejn relattiv ta' Anna Bartolo ma twelidx minn reat li sar volontarjament. Ghalhekk, jidher car li l-konvenut Gaetano Bartolo, bhala kompartecepi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma' martu Anna Bartolo, ghandu kull interess li jkun fil-kawza odjerna u huwa legittimu kontradittur fiha.  Isegwi ghalhekk li dan l-ewwel aggravju fl-appell incidentali tal-konvenuti Bartolo ma jistax jintlaqa'.

9. Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina l-meritu proprju tal-kawza li huwa maqsum f'zewg fazijiet cioe` fl-ewwel lok decizjoni tal-kwistjoni dwar ir-responsabbilita` tal-kollizjoni in kwisjtoni u fit-tieni lok il-likwidazzjoni tad-danni.  Kif rajna, l-ewwel Qorti attribwiet il-htija ta' l-incident in kwistjoni liz-zewg sewwieqa cioe` lit-tabib Dr. Borg u lil Anna Bartolo bi htija ugwali bejniethom.  Fl-appelli li saru mill-kontendenti t-tnejn li huma ma jaqblux ma' din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti u jaqblu bejniethom illi jattribwixxu l-kontroparti l-htija esklusiva ta' dak li gara f'dan l-incident awtomobilistiku.  Ghalhekk il-Qorti sejra titratta kontestwalment l-aggravji li tressqu mill-kontendenti kemm fl-appell principali ta' l-atturi u kemm ukoll fl-appell incidentali tal-konvenuti.

10. L-unika kritika li ressqu l-atturi appellanti fil-konfront tad-decizjoni mehuda mill-ewwel Qorti, ghal dik li hija responsabbilita` ta' l-incident, hija testwalment is-segwenti:
"Illi l-appellanti jissottomettu li l-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet zbaljati fir-rigward tal-fatti li tressqu quddiema fil-provi dwar kif gara l-incident.

"Illi ma jista' ikun hemm l-ebda dubju li bejn il-verzjonijiet moghtija mill-kontendenti, dik ta' l-esponenti biss tinsab ikkorroborata minn fatti fizici li rrizultaw fil-provi, kif ukoll minn xhieda okulari.

"Illi in oltre hemm inkosistenzi fil-provi ta' l-appellati li ma nghatawx valur fl-ezercizzju apprezzattiva tal-provi.  Dawn huma inkonsistenzi essenzjali li jitfghu dawl car dwar kif gara l-incident.

"Illi tenut ir-rizultanzi kollha, l-appellanti jissottomettu bir-rispett li l-ewwel Onorabbli Qorti kien messha ddecidiet li l-incident gara tort unikament tal-konvenuti."

11. Min-naha l-ohra l-konjugi Bartolo fl-appell incidentali taghhom, ezattament bit-tieni aggravju taghhom, wara li jelenkaw xi principji ta' natura legali, jikkritikaw is-sentenza appellata riferibilment ghall-kwistjoni tar-responsabbilita` ta' l-incident in kwistjoni testwalment hekk:

"Illi fil-kaz odjern m'huwiex minnu xejn dak li qieghed jissottomettu l-aturi appellanti illi l-appellata, Anna Bartolo kienet qeghda ssuq kompletament wrong way u fil-karreggjata ta' l-appellant, it-Tabib Godfrey Borg. L-iskizz, it-tifrik u l-marki fit-triq fix-xena ta' l-incident jindikaw b'mod car illi l-appellata, Anna Bartolo kienet qeghda ssuq il-vettura taghha fuq il-proper side of the road u kien l-istess appellant, it-Tabib Godfrey Borg li investiha billi dahhal fil-karreggjata taghha. Is-Subaru misjuqa mill-appellant, it-Tabib Godfrey Borg wara l-habta mhux biss qabzet sew il-linji doppji ta' nofs it-triq imma dahlet sew fuq il-proper side tat-triq fejn kienet ghaddejja l-appellata, Anna Bartolo. Mit-tkaxkira tat-tyre mark li halliet is-Subaru, liema tkaxkira kienet tikkorrispondi mar-rota ta' quddiem tal-lemin tas-Subaru jirrizulta li ghal xi raguni jew ohra l-appellant, it-Tabib Godfrey Borg dahhal fil-karreggjata ta' l-appellata u investiha. Mill-provi jirrizulta b'mod l-aktar car illi l-Honda misjuqa mill-appellata kienet miexja fuq il-proper side taghha u dejjem kienet miexja fuq il-proper side taghha. Tant huwa hekk li mal-habta l-Honda misjuqa mill-appellata sfat imkaxkra lura u ghan-naha tax-xellug tal-proper side taghha. Anke d-daqqa li sofriet l-appellata fil-vettura taghha u cioe` tatina 'l gewwa mill-quddiem lura tindika b'mod l-aktar car illi l-vettura misjuqa mill-appellata kienet qeghda tinsaq fuq il-karreggjata taghha l-hin kollu. Illi oltre dan, huwa sottomess ukoll illi mill-impatt u tifrik u l-posizzjoni kif spiccaw il-vetturi wara l-incident jirrizulta li l-appellant, it-Tabib Godfrey Borg kien qieghed isuq il-vettura tieghu b'velocita` qawwija tant li mad-daqqa z-zewg vetturi daru jharsu lejn id-direzzjoni

tax-Xaghra b'hsarat estensivi fuqhom - l-appellant sofra hsara fil-faccata kollha waqt li l-hsara fil-vettura ta' l-appellata kienet aktar pronunzjata fuq il-parti tal-lemin fuq quddiem tal-karozza taghha. Illi l-verzjoni li tat l-appellata, Anna Bartolo u cioe` li l-appellant kien qieghed jissorpassja van bajda ma gietx accettata ghas-semplici raguni li Anna Bartolo ma semmietx din il-van bajda meta hija tat l-ewwel xiehda taghha ftit wara l-incident, hija konkluzjoni zbaljata ghaliex hija haga naturali li meta wiehed isofri daqstant feriti u xokk hekk qawwi wara habta bhal din, wiehed bilfors ma jiftakarx kollox u jibda jiftakar min xhiex ghadda wara li jigi f'tieghu u jibda jhewden u jirrealizza u jgib quddiem ghajnejh dak kollu li kien ghadda minnu."

12. Ezami ta' l-aggravji li ressqu l-kontendenti fil-konfront tal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilita` tal-kollizjoni jindika li l-kontendenti, it-tnejn li huma, qeghdin jikkritikaw l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi akkwiziti fil-process. F'dan il-kuntest ghandu jigi riaffermat il-principju gurisprudenzjali, ribadit f'hafna sentenzi ta' din il-Qorti, li, fin-nuqqas ta' provi li juru li jezistu ragunijiet serji u gravi bizzejjed li jiddettaw mod iehor, din il-Qorti ta' revizjoni kemm jista' ikun ma tiddisturbax l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti stante li normalment dik il-Qorti tkun tinstab f'qaghda ahjar minn din il-Qorti li tisma', tikkontrolla u tevalwa l-provi u x-xiehda prodotti.

13. Jidher car li l-kontendenti ma ressqu ebda element gdid fl-appell taghhom. Il-kummenti u l-argument li qeghdin iressqu f'dawn iz-zewg appelli rispettivi taghhom, il-kontendenti diga' ghamluhom quddiem l-ewwel Qorti. Dan sar senjatament fin-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi taghhom li jinsabu bejn fol. 225 u 243 tal-process. Din il-Qorti ma tistax ma tikkumplimentax lill-abbli difensuri tal-kontendenti ghall-isforz kbir li ghamlu biex jippruvaw jiskolpaw lill-klijenti rispettivi taghhom u biex jippruvaw jaddossaw il-htija ta' l-incident fuq il-kontroparti. B'hekk ukoll hafna mill-argumenti li tressqu mill-parti wahda gew newtralizzati bil-kummenti li ghamlet il-parti l-ohra.

14. Sfortunatament kif ta' sikwit jigri, anke f'dan il-kaz insibu verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin. Billi l-kollizjoni kienet wahda serja hafna, il-kaz kien suggett ta' inkjesta magisterjali u ghalhekk minbarra l-iskizz tal-pulizija hemm ukoll ritratti tax-xena ta' l-incident kif ukoll pjanta *to scale* maghmula mill-AIC Guido Vella. Ir-ritratti jinsabu f'busta a fol. 174 u 175 tal-process waqt li l-pjanta ta' l-AIC Guido Vella tinstab fol. 119, 120 u 121 tal-process. Minn dawn il-provi li jirrapprezentaw ix-xena ta' l-incident johorgu certi elementi ta' fatt li jindikaw li z-zewg nahat taw verzjoni li l-aktar kienet taqbel lilhom u ghalhekk, kif sewwa kkumenta l-perit legali mahtur mill-ewwel Qorti, huma ma qalux il-verita` kollha. Dawn l-elementi ta' fatti gew elenkati fir-relazzjoni peritali u gew inkorporati fis-sentenza appellata li giet riprodotta wkoll fl-odjerna sentenza, u ghalhekk ma hemmx ghalfejn jigu ripetuti hawn.

15. Din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi kollha akkwiziti fil-process kemm dawk konsistenti f'xiehda u kemm ukoll f'dawk dokumentali, u gharblet sewwa dak kollu li rrelata l-perit nominat mill-ewwel Qorti. Fliet ukoll bl-akbar reqqa n-noti ta' osservazzjonijiet li ghamlu l-partijiet bi kritika ghar-relazzjoni peritali. Din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li wasal ghaliha l-istess perit legali u kif ukoll l-ewwel Qorti li abbraccjat l-istess konkluzjonijiet u cioe` li z-zewg sewwieqa kienu jsuqu ghan-nofs tat-triq b'velocita` eccessiva, u li meta kienu qrib xulxin it-tnejn ressqu lejn in-naha tax-Xaghra bir-rizultat li l-impatt sar ghan-nofs it-triq b'xaqliba lejn in-naha tax-Xaghra biex b'hekk il-vetturi mahbuta, *tyre marks*, frak u *debris* ohra li soltu jinsab fuq xena ta' habta kienu kwazi kollha fuq il-*proper side* tal-konvenuta Anna Bartolo. Din il-Qorti jidhrilha li l-incident sehh principalment minhabba s-sewqan eccessiv li kienu qeghdin isuqu bih iz-zewg sewwieqa. Il-hsara estensiva fiz-zewg karozzi kif ukoll il-feriti li kkawzaw debilita` permanenti fuq iz-zewg sewwieqa, apparti feriti serji hafna fuq l-ispizjar Grech, li kien passiggier fil-karozza misjuqa mit-Tabib Borg, minghajr ebda ombra ta' dubju jindikaw li l-i*speed* taz-zewg karozzi kien eccessiv u li *piu` o meno* dawn kienu

qeghdin isuqu bl-istess velocita` ghaliex mas-sabta kbira li hadu l-karozzi meta habtu ma' xulxin dawn ftit li xejn allontanaw ruhhom mill-post ta' l-impatt. Il-posizzjoni li hadu z-zewg sewwieqa fuq il-karreggjata tat-triq, kif ukoll il-velocita` zejda li kellhom, jidher li impedithom li jiehdu azzjoni evasiva fil-hin biex b'hekk setghu jevitaw din il-habta. Kif sewwa rrelata l-perit mahtur mill-ewwel Qorti, dan is-sewqan kien jikkostitwixxi wiehed bla hsieb u perikoluz da parti taz-zewg sewwieqa u ghalhekk dawn ghandhom iwiegbu t-tnejn indaqs u ugwalment ghall-hsarat li graw bhala konsegwenza ta' l-istess incident awtomobilistiku. Ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti meta addottat il-konkluzjonijiet peritali dwar ir-responsabbilita` ghal dan l-incident fis-sentenza appellata. Minn dak li ntqal sa issa jsegwi illi mhux talli hadd mill-kontendenti ma wera raguni gravi bizzejjed biex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-kwistjoni tar-responsabbilita` tal-habta, izda talli din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni, fuq bilanc ta' probabilitajiet, li z-zewg sewwieqa huma responsabbli ghall-kollizjoni b'tort ugwali bejniethom.

16. Il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina l-aggravji li ressqu l-kontendenti dwar il-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti. L-aggravji rispettivi tal-kontendenti sejrin, qabel xejn, jigu riprodotti hawn testwalment.

17. L-appellanti konjugi Borg jillimitaw il-kritika taghhom dwar dan il-kap tas-sentenza appellata b'dawn il-kliem:
"Illi fejn si tratta wkoll il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-appellanti, hawnhekk l-ewwel Onorabbli Qorti applikat kriterji zbaljati u injorat fatti ppruvati sew meta giet sabiex tistma id-"*damnum emergens*", kif ukoll meta waslet biex tillikwida il-"*lucrum cessans*", dan kollu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza."

Imbaghad, fil-paragrafu konkludenti ta' l-appell taghhom, il-konjugi Borg talbu lil din il-Qorti,
"sabiex tillikwida d-danni sofferti mill-appellanti ai termini tas-sottomissjonijiet taghhom fin-nota ta' kritika ghall-konkluzjonijiet peritali maghmula mill-ewwel Onorabbli

Qorti u tikkundanna lill-appellati ghall-hlas ta' l-istess danni lill-appellanti."

18. Min-naha l-ohra l-konjugi Bartolo, fl-appell incidentali taghhom, ressqu s-segwenti kritika ghall-istess likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti testwalment hekk:
"Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt illi ghar-rigward il-komputazzjoni tad-danni, sofferti mill-partijiet, l-ewwel Onorabbli Qorti wzat kriterji u kejliet differenti. Filwaqt li ghar-rigward id-danni sofferti mill-istess Anna Bartolo, dawn gew pruvati, ghar-rigward id-danni allegatament sofferti mill-istess atturi, sar kull sforz biex dawn jigu mkabbra. Jidher car li l-atturi appellanti ghamlu l-isforz kollu taghhom possibbli biex id-danni jonfhuhom u mhux jimminimizzawhom. Hekk per ezempju l-Qorti llikwidat is-somma ta' Lm10,000 talli l-appellant ittardja mill-impjieg tieghu u Lm474 talli martu tilfet ix-xoghol, kif ukoll ibbazat ruhha fuq qliegh annwali ta' Lm18,000 meta dan bl-ebda mod ma jirrizulta mill-provi. Is-somma li kellha tigi likwidata, u dan minghajr pregudizzju ghal kwistjoni ta' htija, kellha tkun ferm u ferm anqas mill-ammont ta' Lm38,452."

Imbaghad, fil-paragrafu konkludenti fl-istess appell incidentali taghhom huma semplicement jitolbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u, stranament, jitolbu li din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-istess konjugi Gaetano u Anna Bartolo fl-ammont kif likwidat cioe` fl-ammont ta' wiehed u tletin sitt mija sebgha u tletin lira Maltin u tikkundanna lill-appellanti konjugi Borg ghall-hlas ta' l-istess danni lill-konjugi Bartolo - dan kollu meta ma saret ebda kontro-talba quddiem l-ewwel Qorti.

19. M'hemmx ghalfejn jinghad li l-ezercizzju ta' revizjoni li din il-Qorti trid taghmel fil-konfront tas-sentenza appellata jrid jigi dirett unikament fuq il-binarji traccjati mill-kontendenti fl-appell intavolat minnhom quddiem din il-Qorti. Kien ghalhekk li din il-Qorti rriproduciet testwalment is-sottomissjonijiet taghhom fl-appelli rispettivi taghhom referibbilment ghall-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti la ghandha u

lanqas tista' tissolleva hija stess *ex officio* aggravji ohra li possibilment l-istess kontendenti setghu jissollevaw fil-konfront tas-sentenza appellata ghaliex kieku kellha taghmel hekk hija tkun qeghda tippronunzja ruhha u tiddeciedi l-kwistjonijiet li ma gewx sollevati mill-kontendenti.

20. Fin-nota ta' kritika ta' l-appellanti Borg li tinsab a fol. 156 *et sequitur* tal-process, precizament a fol. 231, dawn l-appellanti kienu indikaw illi ma jaqblux mal-likwidazzjoni li saret mill-perit nominat mill-ewwel Qorti dwar tlett punti u cioe`, rigward id-dewmien biex l-attur beda x-xoghol l-Ingilterra, rigward it-telf ta' xoghol ta' l-attrici u rigward il-hsara fil-karozza. Din il-kritika kienet tirrigwarda s-somma likwidata mill-perit legali ghal *damnum emergens* li soffrew l-atturi Borg.

21. Dwar is-sena li l-attur Borg jallega li tilef milli jahdem fir-Renju Unit minhabba l-incident in kwistjoni, il-perit legali kien qabel fil-principju ma' dak li talab it-Tabib Borg u l-perit legali llikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' elfejn lira. L-atturi Borg ikkritikaw din il-likwidazzjoni u sostnew li s-somma kienet baxxa, tenut kont tad-diffirenza kbira fil-pagi ta' professjonisti fl-Ingilterra meta jsir paragun mal-pagi ta' l-istess professjonisti f'Malta. L-ewwel Qorti laqghet din il-kritika ta' l-atturi u wara li hadet in konsiderazzjoni l-pagi gholjin li hemm fl-Ingilterra, kif ukoll l-gholi tal-hajja fl-Ingilterra, llikwidat l-ammont fis-somma ta' ghaxart elef Maltija (Lm10,000) bhala somma xierqa ghal dan il-fini. Fl-istess hin l-ewwel Qorti naqset is-somma ta' elf u erba' mitt lira li l-perit gudizzjarju kien illikwida dwar telf ta' *on call duties* li ghamel l-attur Borg meta kien qed jahdem Malta fis-sena 1994 u 1995, telf ta' qliegh li gara minhabba l-incident in kwistjoni.

22. Kif rajna, l-appellanti Borg jillimitaw il-kritika taghhom ghal-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti billi jilmentaw li l-ewwel Qorti "applikat kriterji zbaljati u injorat fatti ppruvati" meta llikwidat id-danni. Huma jonqsu li jindikaw dettaljatament u specifikatament liema kriterji wzati mill-ewwel Qorti kienu zbaljati, u liema fatti gew injorati minnha. Evidentement, meta ghamlu hekk, huma

injoraw, a spejjez taghhom, dak li jiddisponi l-Artikolu 143 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jghid li fl-appell ghandhom jinghataw "ragunijiet dettaljati li ghalihom ikun qed isir l-appell". L-atturi ghazlu li ma jaghmlu xejn minn dan u minflok semplicement ghamlu referenza generika ghan-nota ta' kritika li huma kienu intavolaw ghar-rapport peritali u cioe` qabel ma nghatat is-sentenza appellata. Konsegwentement l-appellanti Borg ma ressqu ebda kritika specifika fil-konfront tal-likwidazzjoni tad-danni li tinsab f'din is-sentenza appellata, u ghalhekk din il-Qorti bilfors ikollha ddur fuq il-binarju iehor ta' kritika li tinsab fl-appell incidentali tal-konjugi Bartolo.

23. Il-konjugi Bartolo jikkritikaw is-sentenza appellata ghaliex jghidu li l-ewwel Qorti wzat kriterju u kejliet differenti u laqghet l-isforz li ghamlu l-konjugi Borg biex l-istess danni jigu minfuha u mkabbra. Huma jaghtu ezempju ta' dan meta l-ewwel Qorti llikwidat is-somma ta' ghaxart elef lira talli l-appellant ittardja mill-impieg tieghu fl-Ingilterra, kif ukoll is-somma ta' erba' mija u erbgha u sebghin lira talli martu tilfet ix-xoghol.

24. Kif rajna fil-paragrafu 21, l-ewwel Qorti llikwidat is-somma ta' ghaxart elef lira minhabba l-fatt li l-appellant ittardja mill-impieg tieghu fl-Ingilterra. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, il-kritika li ghamlu l-konjugi Bartolo fl-appell incidentali taghhom rigward din il-kwistjoni tidher gustifikata. Din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi akkwiziti fil-process fuq din il-kwistjoni u senjatament id-dokumenti a fol. 182 u 188 tal-process. Jidher minn dawn id-dokumenti li l-attur Dr Borg ma kellu l-ebda konferma konkreta li kien ser ikollu xi impieg li xtaq fl-Ingilterra. Huwa minnu li tilef sena minhabba l-fatt li kellu jikkancella l-attendenza tieghu ghat-test tal-25 ta' Lulju 1994, izda huwa ma kienx fic-cert li fl-ewwel lok dan l-ezami kien sejjer ikollu success fih u, barra minn hekk, ma pprezenta l-ebda prova li sa dak iz-zmien huwa kien offrut xi impieg fic-cert. Konsegwentement din il-Qorti ssibha difficli hafna li taqbel mas-somma likwidata mill-ewwel Qorti u minflok jidhrilha li l-ammonti li se jissemmew u li gew likwidati mill-perit

gudizzjarju ghandhom iregu. L-ammonti in kwistjoni, fi kliem ir-relazzjoni peritali huma dawn:
"Dwar telf ta' xoghol mill-impieg mad-dipartiment tas-sahha, billi ghall-perjodu twil Dr Borg dahhal biss paga bazika ma dahhal xejn ta' "*on call duties*" (li hu spjega) Dr Borg qed jippretendi elf u tlieta u ghoxrin lira fl-1994 u erba' mija u tlettax-il lira fl-1995. Dawn ma gewx kuntestati u jidhru gustifikati u qed jigu arrontondati ghal elf u erba' mitt lira.

Dr Borg qed jippretendi kumpens ghall-fatt li hu ttardja sena ma beda xoghol l-Ingilterra f'livell ta' paga Ingliza. Fil-principju ghandu ragun u l-esponent qed jakkolja *arbitrio boni viri* elfejn lira."

25. Dwar id-*damnum emergens* ta' Silvana Borg, l-ewwel Qorti accettat il-kritika maghmula ghar-rapport peritali, fejn dan il-perit kien illikwidalha s-somma ta' mitejn u ghoxrin lira. Minflok, l-ewwel Qorti llikwidat is-somma ta' erba' mija u erbgha u sebghin lira. L-appellanti Borg ma kkritikawx din is-somma ta' erba' mija u erbgha sebghin lira likwidata mill-ewwel Qorti u min-naha l-ohra l-konjugi Bartolo jallegaw li l-ewwel Qorti meta accettat l-imsemmija kritika ghar-rapport peritali, l-istess Qorti kienet accettat danni li ma kenux reali izda kienu minfuhin. Din il-Qorti ezaminat din il-kritika tal-konjugi Bartolo u sabet li huwa veru li ma gewx ipprezentati diversi ricevuti ta' spejjez li kienu jikkoncernaw id-dawl u ilma, it-telefon u spejjez ohra zghar mixxilaneji. Madanakollu din il-Qorti jidhrilha li dawn huma spejjez ragjonevoli u ma jidhru assolutament xejn li huma minfuhin u ghalhekk din il-Qorti tikkondividi dak li qalet l-ewwel Qorti meta llikwidat l-imsemmija somma ta' erba' mija u erbgha u sebgin lira ghad-danni realment sofferti mill-attrici Borg meta hija tilfet xahrejn xoghol meta *self-employed beautician* minhabba fl-incident in kwistjoni.

26. Ghalhekk id-*damnum emergens* li din il-Qorti qeghda tillikwida lill-konjugi Borg huma s-segwenti:
a. spiza ta' ritratti Lm 21.00

b. *cancellation fee* ta' ezami
150.00

c. telf ta' *on call duties* ghall-attur
1,400.00

d. ammont likwidat ghall-fatt li l-attur
ittardja biex imur jahdem l-Ingilterra
2,000.00

e. danni fil-karozza Subaru ta' l-atturi
2,000.00

f. telf ta' xoghol ta' Silvana Borg
474.00

Total ta' *damnum emergens* 6,045.00

27. Il-Qorti sejra tghaddi issa biex tezamina l-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-*lucrum cessans* ta' l-attur it-Tabib Borg. Dwar din il-partita ta' danni, il-perit gudizzjarju kien ibbaza ruhu fuq qliegh annwali ta' tmintax-il elf lira fis-sena billi Dr. Borg kien stabbilixxa ruhu f'impieg fi sptar l-Ingilterra. L-istess perit adotta multiplier ta' tletin sena, naqqas hmistax fil-mija minhabba "*lump sum payment*", u minhabba li rrizulta li d-dizabbiltia` permanenti ta' l-istess Tabib Borg kienet tlahhaq erbatax fil-mija (kif irrelata l-perit gudizzjarju Mr. Carmel Sciberras), l-istess perit gudizzjarju Dr Micallef Stafrace wasal ghall-ammont ta' erbgha u sittin elf mitejn u sittin (Lm64,260) lira Maltija bhala d-danni f'dan il-kap ta' *lucrum cessans*.

28. Fin-nota ta' kritika msemmija, l-atturi llamentaw li l-perit legali ma kienx ha in konsiderazzjoni li Dr Borg kien dalwaqt sejjer jilhaq specjalista fl-oftalmologija u ghalhekk il-qliegh tieghu kien sejjer jizdied sostanzjalment. L-ewwel Qorti ma laqghetx din il-kritika u addottat il-likwidazzjoni li ghamel il-perit legali.

29. Bl-appell taghhom, kif intqal aktar qabel l-atturi llimitaw il-kritika taghhom billi qalu l-ewwel Qorti "applikat

kriterji zbaljati u injorat fatti ppruvati" anke meta giet biex tillikwida dan l-*lucrum cessans*. Pero` huma naqsu li jindikaw specifikatament, kif kellhom id-dover li jaghmlu, liema kriterji zbaljati gew addottati mill-ewwel Qorti u liema fatti dik il-Qorti kienet injorat. Ghalhekk, dak li ntqal minn din il-Qorti fil-paragrafu 22 supra japplika wkoll ghal dan l-aspett ta' l-appell tal-konjugi Borg fuq din il-kwistjoni.

30. Min-naha l-ohra, l-konjugi Bartolo fl-appell incidentali taghhom jallegaw li meta l-ewwel Qorti bbazat ruhha fuq qliegh annwali tat-Tabib Borg ta' tmintax-il elf lira hija mxiet skorrettement ghaliex dana l-ammont bl-ebda mod ma kien jirrizulta mill-provi.

31. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-kritika tal-konjugi Bartolo ghaliex minn ezami akkurat tal-process jirrizulta li fih provi sufficjenti li juru li t-Tabib Borg fil-mori tal-kawza avvanza sew fil-karriera professjonali tieghu ghaliex lahaq *Associate Specialist* fl-oftolmologija u saret ukoll il-prova tal-paga tieghu relattiva. Jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni z-zidiet fil-paga u l-possibilita` ta' avvanz ulterjuri fil-professjoni tieghu, din il-Qorti jidhrilha li huwa gust u ekwu li l-*lucrum cessans* tat-Tabib Borg ma jigix mahdum fuq dhul annwali ta' tmintax-il elf lira kif irriteniet l-ewwel Qorti izda minflok dan il-*lucrum cessans* jigi mahdum fuq ammont ta' ghoxrin elf lira fis-sena. Isegwi li l-kumpens dovut lit-Tabib Borg ghal dan il-*lucrum cessans* ghandu jigi kkalkulat hekk:
14% ta' ghoxrin elf lira multiplikat bi tletin u mnaqqsa bi 15% li jammontaw ghas-somma ta' wiehed u sebghin elf u erba' mitt lira (Lm71,400).

32. Ghalhekk is-somma totali li din il-Qorti qed tillikwida favur l-atturi bhala d-danni minnhom sofferti bhala konsegwenza ta' l-incident stradali meritu ta' din il-kawza hija s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| a. | damnum emergens - | Lm6,045 |
| b. | lucrum cessans - | Lm71,400 |
| c. | total ta' danni | Lm77,445 |

Billi l-attur Tabib Borg instab responsabbli ugwalment daqs il-konvenuta Silvana Bartolo ghall-istess kollizjoni, l-konjugi Borg ghandhom jircievu nofs l-ammont imsemmi u

cioe` s-somma ta' tmienja u tletin elf seba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm38,722.50c).

**III DECIDE**

33. Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appelli tal-kontendenti billi:
a. tichad l-istess appelli in kwantu huma jirreferu ghall-kwisjtoni tar-responsabbilita` ghall-incident stradali meritu ta' din il-kawza u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din iddikjarat li l-attur, it-tabib Dr. Godfrey Borg u l-konvenuta, Anna Bartolo huwa ugwalment responsabbli ghall-incident stradali msemmi;

b. tilqa' in parte u limitatament fis-sens premess l-appelli tal-kontendenti rigward il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-konjugi Borg, u per konsegwenza tirrevoka l-likwidazzjoni li saret mill-ewwel Qorti fl-ammont ta' sitta u sebghin elf disa' mija u hames liri Maltija (Lm76,905) u minflok tillikwida l-istess danni fis-somma ta' sebgha u sebghin elf erba mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm77,445);

c. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi nofs din is-somma u cioe` s-somma ta' tmienja u tletin elf seba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm38,722.50c) bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data ta' l-ewwel sentenza u cioe` l-4 ta' Ottubru 2002;

d. l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif dawn gew decizi mill-ewwel Qorti. Kwantu ghall-ispejjez ta' din l-istanza, in vista li l-likwidazzjoni li waslet ghaliha din il-Qorti ma allontanatx wisq ruhha mis-somma tad-danni likwidata mill-ewwel Qorti, tordna li l-ispejjez konnessi ma' l-appell ta' l-atturi Borg jithallsu minnhom stess waqt li l-ispejjez konnessi ma' l-appell incidentali tal-konjugi Bartolo ghandhom jibqghu a karigu ta' l-istess konjugi Bartolo wkoll.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------